MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2008

Appell Kriminali Numru. 16/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Noel Degiorgio**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Noel Degiorgio, bin Joseph u Mary nee Grech, imwieled fil-15 ta' Dicembru 1976, detentur tal-Karta ta' l-Identita` nru 41877M, talli fl-24 ta' Settembru 2007 ghall-habta tal-10.30 a.m. gewwa l-Bini tal-Qorti waqt laqa' ta' medjazzjoni fil-process ta' separazzjoni matrimonjali (**1**) insulenta u hedded lil martu Fiorita Degiorgio u lil missierha Carmelo Scicluna minn Haz-Zabbar, u (**2**) bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Fiorita Degiorgio u lil Carmelo Scicluna biza' li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta` taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta` ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien u

bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kodici Kriminali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-21 ta' Jannar 2008 li permezz taghha dik il-qorti, fuq ammissjoni ta' l-imputat, sabitu hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu xahar prigunerija sospiz ghal sena u b'ordni ta' supervizjoni skond l-artikolu 28G tal-Kodici Kriminali;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Noel Degiorgio, minnu pprezentat fit-28 ta' Jannar 2008, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza u, subordinatament, ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-9 ta' Mejju 2008; ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, li hu ammetta bi zball fis-sens li hu qatt ma kellu l-intenzjoni li jammetti. Skond ma jghid fir-rikors ta' appell tieghu, huwa haseb li bhalma gara xi jiem qabel meta huwa hafer lil martu fi proceduri kontra taghha, kien ser jigri l-istess fil-kaz tal-proceduri kontra tieghu u l-affari tieqaf hemm. Hu jghid li ma kienx jaf x'ser ikunu l-konsegwenzi ta' tali ammissjoni. It-tieni aggravju huwa dwar il-piena, li huwa jqis li kienet eccessiva.

Issa, hija gurisprudenza pacifika li "fuq ammissjoni ta' l-imputat qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu ammenokke` ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni jew li ma kienitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni, jew li fuq il-fatti minnu ammessi il-qorti ma setghetx skond il-ligi tikkundannah cioe` ssibu hati ta' reat" (ara is-sentenza ta' din il-Qorti ta' l-20 ta' Jannar 1995 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Martin J. Camilleri**; ara wkoll is-sentenza, aktar recenti, dejjem ta' din il-Qorti, tat-12 ta' Mejju 2004 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Rainer Grima**). Fil-kaz in dizamina ma jirrizulta xejn minn dan. L-appellant, quddiem l-ewwel qorti, ghazel li jidher mhux assistit minn avukat jew prokuratur legali, u wara li ddikjara li kien qed jammetti, dik il-qorti taghtu

anke zmien biex jikkonsidra l-ammissjoni tieghu. In fatti l-verbal ta' l-udjenza tal-21 ta' Jannar 2008 jghid testwalment hekk:

**"F'dan l-istadju l-imputat qieghed jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, u qieghed ukoll jiskuza ruhu ghal dak li gara."**

U fis-sentenza appellata jinghad espressament hekk:

**"Wara li rat li l-imputat ghazel li ma jkunx assistit minn avukat, ghalkemm debitament mistoqsi mill-Qorti;**

**"Wara li rat l-ammissjoni ta' l-imputat f'dan l-istadju ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi sabiex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu…"**

Ma ngab xejn quddiem din il-Qorti li b'xi mod jitfa' mqar l-icken dubju fuq il-korrettezza ta' dawn il-pronunzjamenti ta' l-ewwel qorti. Fil-fehma ta' din il-Qorti dak li gara hu li l-appellant ma stenniex li huwa kien ser jigi kkundannat xahar prigunerija, ghalkemm mhux b'effett immedjat. Pero` altru li wiehed jammetti bi zball (cioe` meta ma kienitx l-intenzjoni tieghu li jammetti) jew ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni, u altru li wiehed ma jkunx jaf il-konsegwenzi ta' dik l-ammissjoni fis-sens li ma jkunx jaf x'piena jista' jehel. Il-fatt li wiehed jammetti ghax, per ezempju, haseb li ser jinghata piena partikolari meta fil-fatt jispicca jinghata piena ohra, ma jistax sussegwentement jigi avanzat minnu in sede ta' appell biex "jannulla" dik l-ammissjoni, ghax tali fatt jammonta semplicement ghal injoranza tal-ligi – jigifieri daqslikieku ma kienx jaf li dak li huwa ghamel jammonta ghal reat. Ghalhekk dana l-ewwel aggravju ta' l-appellant qed jigi respint.

Kwantu ghat-tieni aggravju, l-appellant ghandu ragun. Apparti li l-ewwel qorti ma setghetx taghmel ordni ta' supervizjoni skond l-artikolu 28G ghax il-piena ma kienitx ta' aktar minn sitt xhur prigunerija, f'dan il-kaz piena ta' prigunerija, anke jekk sospiza, ma kienitx indikata. Veru li

l-incident gara fl-edifizzju tal-qorti u fil-kors ta' proceduri ta' medjazzjoni, pero` ma jirrizultawx l-estremi li jiggustifikaw piena ta' prigunerija. Il-fedina penali ta' l-appellant ma tindikax xi karattru refrattarju. F'dan il-kaz hija certament aktar indikata il-piena tal-multa f'ammont ekwivamenti ghal mitejn u hamsin lira.

Ghall-motivi premessi tilqa' l-appell in parti biss u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha biss f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant Noel Degiorgio ghall-piena ta' xahar prigunerija sospiz ghal sena taht supervizjoni skond l-Artikolu 28G tal-Kodici Kriminali, u minflok tikkundannah multa ta' hames mija u tnejn u tmenin euro u erbgha u tletin centezmu (Euro 582.34), konvertibbli f'hamsin gurnata prigunerija fin-nuqqas ta' pagament skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------